**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**
**(Assistent Kummissarju Dennis Theuma)**

**kontra**

**CLINT SAMMUT**
**(ID: 550983(M))**

Kaz Nru.: 11/08

**Illum, l-10 ta' Gunju 2022**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, Clint Sammut, ta' 23 sena, iben John u Carmelina *nee'* St. John, imwieled tal-Pieta', nhar it-12 ta' Ottubru, 1983, u residenti gewwa *Sea Breeze Court*, *Flat 4*, Triq J. Quintinos, il-Qawra, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 550983M, senjatament akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' April, 2007, u matul it-tlett snin ta' qabel din id-data;

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li turi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Aktar talli fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' April, 2007, u matul il-hames snin ta' qabel din id-data;

2. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta)[1] datata 5 ta' Settembru 2007, sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

Rat id-digriet tal-assenjazzjoni ta' kawzi u doveri datat it-28 ta' Lulju 2021[2];

Rat li fl-udjenza tat-8 ta' Novembru tas-17 ta' Marzu 2022 il-partijiet ezentaw lil dina l-Qorti mis-smigh mill-gdid tax-xhieda gia prodotti quddiem dina l-Qorti diversament preseduta;

Semghet u rat ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi: (1) l-Assistant Kummissarju Dennis Theuma li ezebixxa numru ta' dokumenti; (2) l-ispettur Nadia Lanzon li xehdet dwar dak li rrizulta lilha mill-investigazzjonijiet taghha; (3) Michael Grima; Surgent Grech; Surgent Galdes; Claudio Muscat u Christian Vella li xehdu dwar dak li huma

[1] Ara fol. 2 tal-atti processwali;
[2] Fol. 251 tal-atti processwali.

osservaw lill-imputat jaghmel, it-tfittxija li ghamlu fuq il-pesuna tieghu kif ukoll fil-vettura; (4) PC642 Joseph Camilleri dwar il-volontarjeta' tal-istqarrija; (5) PS1086 Johann Fenech li jixhed dwar l-affarijiet li gew mghoddija lilu minghand il-membri tal-Forzi Armati ta' Malta u (6) Mario Mifsud, li xehed dwar ir-rizultanzi tieghu wara li gie mahtur bhala espert biex janalizza s-sustanza suspettata droga fuq talba tal-prosekuzzjoni.

In difesa ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda b'mod volontarju l-imputat li spjega c-cirkostanzi tieghu personali kif ukoll kif sehhew il-fatti dak inhar li huwa gie mwaqqaf mill-membri tal-forzi armati; Daniela Micallef li xehdet dwar ic-cirkostanzi personali tal-imputat; Dr. Roberta Holland li xehdet dwar id-dipendenza tal-imputat; u Nadia Lanzon li xehdet dwar l-applikabilita' o meno tal-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-fatti tal-kaz jirrisalu ghal iktar minn hmistax-il sena u cioe' ghal-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' April 2007 u t-tlett snin ta' qabel. Dakinhar il-qua imputat kien passigier f'vettura misjuqa minn certu Keith Caruana (li ma gie qatt prodott biex jixhed fil-proceduri odjerni), meta gie mwaqqaf f'roadblock organizzat minn membri tal-Forzi Armati gewwa triq Hal Qormi. Gunner Michael Grima spjega li fir-roadblock huwa kien 'cut off' u cioe' jkun ftit qabel ir-road block bil-ghan li josserva l-vetturi u xi movimenti li jistghu jkun hekk. Huwa jispjega li hekk kif kienu telghin lejn ir-roadblock huwa nnota lill-qua imputat li kien passigier fil-vettura jitfa xi haga f'halqu. Huwa informa b'dan lill-kollegi tieghu. Sussegwentament il-membri tal-Forzi Armati li kienu qed jaghmlu roadblock waqfu lill-imsemmija vettura u nizlu lill-passigier mill-vettura fejn talbuh jiftah halqu. Hemm hekk instabu tlett pakketti suspettati kontenti droga. Minn tfittxija fuq il-persuna tieghu partikolarment gol-but tal-qalziet instab qartas iehor filwaqt li taht is-seat tal-passigier (fejn kien bilqieghda l-qua imputat) instab qartas iehor. Sammut gie arrestat fuq il-post u gie mehud fil-kwartieri generali tal-pulizija ghal izjed investigazzjonijiet. Hemm hekk giet irrillaxata stqarrija lill-ispettur Nadia Lanzon. Id-droga elevata mghoddija lill-pulizija u sussegwentament ezebieta fl-atti processwali odjerni. Fuq talba tal-prosekuzzjoni giet mahtur l-ispizjar Dr. Mario Mifsud bil-ghan li janalizza l-istess sustanza fejn huwa kkonkluda:

> *"Li l-frak kannella, li kien hemm fid-dokument 194/09/01 f'ammont nett totali ta' 2.20 grammi, instab li kien weraq nixef imfarrka tal-pjanta tal-cannabis. Fil-weraq imfarrak tal-pjanta tal-Cannabis instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Il-purita tal-frak kannella ghas-sustanza THC kienet ta' circa 4.8%. Il-pjanta tal-Cannabis hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, waqt li s-sustanza THC hija*

*kkontrollata bil-ligi that it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Li fit-trab abjad li kien hemm f'hames boroz zghar tal-plastic, fid-dokument 194/09/01 f'ammont nett totali ta' 2.97 grammi, instabet fih is-sustanza kokajina. Il-purita medja tat-trab abjad ghas-sustanza kokajina kienet ta' circa 48.1%. Is-sustanza kokajina hija kkontrollata bil-ligi taht l-ewwel skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Illi mill-provi pprezentati mid-difiza jirrizulta li l-qua imputat kellu dipendenza severa fuq is-sustanza kokaina fiz-zmien tal-kaz odjern u li llum ilu astinenti mill-uzu tal-imsemmija sustanza ghall-izjed minn tnax 'il sena. Hija kkonfermat li l-qua imputat illum ghandu hajja stabbli. Daniela Micallef xehdet ukoll dwar l-istat stabbli tal-imputat illum kif ukoll il-fatt li ghadu astinenti mis-sustanza illecita.

Illi fil-proceduri odjerni d-difiza talbet ghall-isfilz tal-istqarrija u dana galadarba l-istess ittiehdet fis-sena 2007 u dana minghajr ma l-qua imputat kien assistiet legalment kemm qabel kif ukoll waqt it-tehid tal-istqarrija. Illi fuq skorta ta' gurisprudenza ricenti kemm mill-Qrati Ewropej (**Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018) u anke mill-Qrati lokali (fosthom ir-Repubblika ta' Malta vs. Andrew Mangion), fil-kunsiderazzjonijiet taghha ai fini ta' reita o meno tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, dina l-Qorti ser tiskarta kompletament il-kontenut tal-imsemmija stqarrija galadarba din ittiehdet fin-nuqqas totali t'assistenza legali, l-eta' tal-imputat meta gie arrestat kif ukoll il-fatt li din kienet l-ewwel darba li l-qua imputat gie arrestat u fl-ahhar net galadarba kjarament jirrizulta li dina l-istqarrija kienet wahda inkriminanti ghalih.

**Kunsiderazzjonijiet dwar htija**

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-qua imputat hija dik tal-pussess aggravat tad-droga kokaina u cioe' pussess li kien f'cirkostanzi li juri li ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, l-qua imputat ma huwiex qed jikkontesta l-fatt li huwa kien fil-pussess xjenti tal-imsemmija sustanza madanakollu huwa jsostni li dina s-sustanza misjuba fil-pussess tieghu kienet intiza biss ghall-uzu personali tieghu. Ghaldaqstant dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tanalizza l-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz odjern sabiex jigi determinat jekk il-pussess kienx intiz biss ghall-uzu personali jew altrimenti jekk dan il-pussess kienx wiehed f'cirkostanzi li juru li ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Fl-ewwel lok jinghad li l-qua imputat nstab fil-pussess ta' 2.97 gramma kokaina. Illi l-ammont ma huwiex wiehed kbir u ghaldaqstant jista' facilment ikun konness ma pussess semplici jew altrimenti pussess aggravat.

Illi s-sentenza mghotija nhar is-27 ta' April 2017 mill-Qorti ta' l-Appell hekk kif preseduta mill-Onor. Imhallef Edwina Grima fl-ismijiet **il-Pulizija vs. Lawrence Fabri** nghad:

> *"Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma ic-cirksotanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont, kwalita jew kwantita ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita. Illi allura l-Ewwel Qorti iggwidat b'dawn il-linji gwida gurisprudenzjali u legali sewwa ghamlet meta minn ezami tac-cirkostanzi tal-kaz setghet fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi tinferixxi illi d-droga li instabet fil-pussess ta'l-appellanti kienet tali li tindika li din ma kenitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu."* (emfazi ta' dina l-Qorti)

Hekk kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati Maltin l-ammont tad-droga huwa wiehed mic-cirkostanzi indikattivi (u mhux l-unika cirkostanza indikattiva) sabiex wiehed jiddetermina jekk id-droga kinitx intiza sabiex tkun traffikata jew altriment ikkonsmata mill-pussessur. Dan ghandu jsir fl-isfond tac-cirkostanzi kollha tal-kaz hekk kif jemergu mill-provi pprezentati. Dan iktar u iktar fil-kaz odjern fejn mill-provi jirrizulta li l-ammont ta' droga kokaina misjuba fil-pussess tal-imputat hija dik ta' 2.97 gramma.

Illi l-imsemmija sustanza instabet maqsuma f'hames boroz zghar fil-piz ta: 0.59g; 0.87g; 0.54g; 0.61g; u 0.36g. Il-pizijiet ta' dan il-boroz ghalkemm tlieta minnhom huma simili t-tnejn l-ohra hemm diskrepanza. Din id-diskrepanza madanakollu ma hijiex wahda kbira. L-imsemmija sustanza instabet waqt li l-qua imputat kien go vettura. Ghalkemm l-imputat kien ma persuna ohra f'din il-vettura, l-imsemmija sustanza instabet kollha fl-isfera ta' kontroll tal-qua imputat u cioe' f'halqu, fil-but tal-qalziet tieghu u taht is-seat tal-passigier. Mill-atti processwali kjarament jirrizulta li mill-bidu net li tali sustanza nstabet fil-pussess tieghu l-qua imputat dejjem sostna li l-imsemmija sustanza hija tieghu. Il-mobile tal-imputat

ghalkemm jidher li gie analizzat mill-pulizija ai fini ta' l-investigazzjonijiet kondotti minnhom, ma giex pprezentat fl-atti processwali odjerni u ghaldaqstant dina l-Qorti hija sprovista kompletament minn dina l-prova, liema prova setghet issarfet favur jew kontra l-imputat.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tfakkar li ai termini tal-ligi partikolarment l-artikolu 356 tal-Kodici Kriminali, l-Prosekuzzjoni hija obbligata li tressaq il-provi kollha favur jew kontra l-imputat. Il-prosekuzzjoni ma ghandhiex taghzel dawk il-provi biss li fil-fehma taghha jistghu jsostnu t-tezi taghha izda kull prova li rrizzultat mill-investigazzjoni. B'hekk biss tkun tista' ssir gustizzja. Il-Qorti tfakkar li ma huwiex l-ghan tal-prosekuzzjoni li imputat ikun li jkun jinsab hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu a kost ta' kollox izda l-ghan tal-prosekuzzjoni ghandu jkun dak tat-tfittix tal-verita u l-gustizzja.

Illi fil-proceduri odjerni l-qua imputat ha l-pedana tax-xhieda fejn spjega li f'dak il-perjodu huwa ma kienx isuq. Keith Caruana kien jahdem mieghu u kien ghamillu pjacir u wasslu il-Fgura sabiex jixtri d-droga kokaina. Huwa spjega li huwa kien xtara sustanza minghand l-istess persuna f'xi tlett okkazzjonijiet u dejjem kien xtara tlett grammi. Huwa spjega li dan l-ammont kien intiz biss ghall-konsum tieghu. Spjega li dakinhar kien tah l-ammont ta' tlett grammi f'hames pakketti differenti ghaliex kien qallu li ma kellux cans jirrangahom imma kien assigurah li kien hemm tlett grammi. Huwa spjega l-ammont li kien hallas ghaliha u spjega ukoll li dak iz-zmien kien ga jahdem u kellu anke jobs part-time. Huwa spjega ukoll li dak il-hin li waqqfuhom fir-*road block* Caruana kien qed iwasslu d-dar. Bil-gurament tieghu jikkonferma li hu qatt ma biegh u qatt ma kellu l-intenzjoni li jbiegh id-droga.

Il-verzjoni tal-imputat ma hija bl-ebda mod kontradetta mill-provi tal-prosekuzzjoni. Huma minnu li sustanza li nstabet kienet f'ammont ta' circa 3 grammi. Instabet fl-isfera ta' kontroll tal-imputat. Mir-relazzjoni ta' Dr. Holland jirrizulta li fiz-zmien tal-kaz odjern l-imputat verament kellu dipendenza severa ghas-sustanza kokaina. It-triq li waqfuh fiha hija fid-direzzjoni mill-Fgura ghar-residenza tal-imputat li skond il-konnotati tieghu fic-citazzjoni dak iz-zmien kienet il-Qawra.

Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi hawn fuq imsemmija inkluz il-konsum aggressiv tal-imsemmija sustanza fiz-zmien tar-reat odjern, fuq livell ta' probabilita', d-difiza rnexxielha tipprova li l-ammont ta' droga kokaina misjuba fil-pussess tal-qua imputat setgha kien ghall-uzu personali tieghu. Dan iktar u iktar meta l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li tista' tikkontradixxi l-verzjoni mghotija mill-imputat b'mod konsistenti. Ghaldaqstant ghal dawn ir-

ragunijiet dina l-Qorti ser issib lill-qua imputat hati ta' pussess semplici tal-kokaina.

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni u cioe' l-pussess semplici tal-pjanta cannabis jew bicca minnha, din l-Qorti tinnota li dan il-pussess kien fl-ammont ta' 2.20 grammi skond ir-relazzjoni ta' Dr. Mifsud. Ghaldaqstant din l-imputazzjoni giet milquta bl-emendi introdotti f'Dicembru tas-sena 2021 senjatament permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021. Bis-sahha ta' dawn l-emendi l-artikolu 4A tal-Kap. 537 jistipula:

> *(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna, **ma għandux jikkostitwixxi reat**, u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejnhemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis*

Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma ghadux jigi hekk ikkunsidrat illum il-gurnata.

Illi l-artikolu 12 tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula:

> *(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –*
> *(a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew lima tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;*
> *(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;*
> *(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew liġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;*
> *(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk;*
> *(e) jolqot kull sthàrriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,*
> *u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħujinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jewpiena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar majkunx għadda.*

Madanakollu ssir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-***Pulizija vs. Juanita Fenech*** nhar is-27 ta' Frar 2019 fejn gie ddikjarat:

> *"Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ibbazati fuq l-artikolu 7 tal-Kovenzjoni Ewropeja dwar il-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti hija tal-fehma illi illum ebda piena ma ghandha tigi imposta*

*fuq l-appellanti u l-Qorti bilfors trid tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza:*

> *"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."*

*Din il-posizzjoni ġiet riaffermata permezz tas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014.*

*Illi l-Professur Sir Anthony Mamo jidher li kien tal-fehma ukoll li f'sitwazzjonijiet bħal dawn il-proċeduri jew l-effett provenjenti minnhom permezz tas-sentenza li tkun ingħatat, għandhom jieqfu.*

> *"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence".*

***B'hekk illum għalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proċeduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qiegħed jitqies illi huwa leżiv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**."* (emfazi ta' dina l-Qorti)

Fid-dawl ta' dan l-insenjament dina l-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija it-tieni imputazzjoni.

## Decide

Ghaldaqstant, ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, filwaqt li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat galadarba hekk kif gie spjegat iktar 'il fuq l-imsemmi reati gie abbrogat, filwaqt li ghal dak li jirrigwardja l-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti 4 u 6 tal-

Ligi Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta,  qed issib lill-istess imputat Clint Sammut hati biss talli kellu fil-pussess tieghu is-sustanza kokaina (cioe' pussess semplici) u konsegwentament qed tikkundanah ghall-multa ta' Eur. 500 li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar millum. B'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebieta, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur